MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 238/2011

**Josephine Attard u Maria Borg**

**-vs-**

**Gino Nappa, u b'digriet tat-2 ta' Mejju 2011 ġiet kjamata fil-kawża Carmela *sive* Carrie Nappa, liema digriet reġa' ġie revokat b'digriet tal-11 ta' Jannar 2012**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' Marzu 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi l-fond 13, Bull Street, Valletta huwa proprjeta' tagħhom u kien rekwiżizzjonat u qabel kien allokat lil ċerta Carrie Nappa u kellha kirja in forza tar-*requisition order*. Illi l-Housing Authority u d-Direttur tal-Akkomodazzjoni Soċjali temmew tali kirja u neħħew ir-*requisition order.*

Illi l-istess Carrie Nappa ħarġet mill-fond u flokha qabad u daħal mingħajr ebda titolu Ġino Nappa.

Illi l-esponenti ppruvaw anke permezz tal-Pulizija, peress illi din kienet okkupazzjoni illegali, biex jittieħdu passi pero' l-Pulizija rrifjutat illi tagħmel dan.

Illi l-esponenti jikkonfermaw illi l-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjonijiet x'jagħti f'dan il-każ u ma jista' jivvanta l-ebda titlu skond il-liġi.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tipproċedi skond l-Artikolu 167 tal-Kap 12 u ċjoe' bid-dispensa tas-smiegħ;

2. Tikkundanna lill-konvenut illi jiżgombra mill-fond fi żmien qasir u perentorju, *stante* l-okkupazzjoni tiegħu mingħajr titlu.

Bis-subizzjoni u bl-ispejjeż u b'riserva tad-danni tal-okkupazzjoni llegali.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 li permezz tagħha l-konvenut ġiet awtoriżżat jippreżenta risposta ġuramentata u li permezz tagħha wkoll ġiet imsejħa fil-kawża Carmela *sive* Carrie Nappa;

Rat illi l-konvenut baqa' ma ppreżentax risposta u lanqas ħa ħsieb jinnotifika lill-imsejħa fil-kawża kif kellu jagħmel;

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza wara li l-Avukat tal-atturi għamel talba f'dan is-sens;

Rat ukoll li fl-istess verbal ġie revokat *contrario imperio* d-digriet li kien ordna s-sejħa fil-kawża ta' Carmela *sive* Carrie Nappa;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur l-atturi qed jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenut mill-fond imsemmi billi huwa qed jokkupah mingħajr titolu. Dan ġie konfermat mill-istess attriċi Josephine Attard fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2012 u ma giex ribattut mill-konvenut illi baqa' kontumaċi. Għalhekk it-talba tirriżulta fondata u jistħoqqilha tiġi milqugħa.

**Għal dawn il-motivi, fil-kontumaċja tal-konvenut il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba minħabba d-digriet tat-2 ta' Mejju 2011, tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut biex jiżgombra mill-fond 13, Bull Street, Valletta fi żmien xahar.**

**Il-konvenut għandu wkoll iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------